# MALTA MISSJUNARJA – L-14-IL PARTI




Il-paġna tat-tfal fejn tidher il-poeżija ta' DAX - 'Min Sallbek, Ġesù' (MM Ottubru 1952, p.157).

## Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Bejn l-1952-6, xi poeżiji ta' DAX, taħt il-psewdonimu 'Ix-Xiħ Missjunarju' dehru fil-paġna għat-tfal. Mhux kull poeżija bilfors li hi tiegħu, speċjalment dawk li ma jġibux ismu, jew għall-anqas, l-inizjali tiegħu, jew tip ta' psewdonimu ieħor assoċjat miegħu: *Min Sallbek, Ġesù* (Sena XX, April 1952, nru 4, p.61), bi 13-il strofa kwinarja; *Il-Ġurnata Missjunarja* (Sena XX, Ottubru 1952, nru 10, p.157), b'14-il strofa ottonarja.

Żgur iżda, li bejn Frar u Novembru 1954, fil-*Paġna tat-Tfal* bdiet tidher serje ta' poeżini ta' tliet strofi ottonarji kull waħda biex seta' jwassal il-messaġġ missjunarju lill-qarrejja żgħar billi jintroduċihom ma' tliet karattri mistħajla – Ġanni, Ġiġi u Ġużi. F'Diċembru mbagħad, minflok is-soltu poeżija, DAX ħejjielhom buzzett għall-Milied fi tliet dehriet: *Rigal lill-Bambin: Ġrajja Ċiniża tal-Lum* (Sena XXII, Diċembru 1954, nru 12, p.189). Jieħdu sehem tlett itfal subien: Wan, Cen, Men (b'missierhom ikun il-kap tal-Partit Kommunista), u soru; iż-żewġ persunaġġi l-oħra – Ciang u t-tifla Kon – kemm jissemmew b'isimhom biss. Il-ġrajja ddur fuq il-festa tal-Bambin, fejn it-tfal fqajrin, minħabba li l-Kommunisti kienu daħlu f'pajjiżhom u stagħnew minn fuq daharhom, ġabu rigal żgħir kull wieħed. Cen ġab żewġ xemgħat u Wan żewġ plattini għall-qamħ. Iżda forsi l-isbaħ rigal kien dak ta' Men: it-tessera ta' missieru mgerba f'karta. Is-soru, kollha mistagħġba, niżlet għarkupptejha tirringrazzja lil Ġesù ta' dan ir-rigal.

Frar 1954, Sena XXII, nru 2, p.29: (1) Ġiġi, Ġanni, Ġużi ferħu / *Li ġibniehom f'dan il-ktieb.* / *Billi jħobbu lill-Missjoni,* / Ġihom f'rashom dan il-ħsieb: (2) *"Ħadtu gost, ħbieb tagħna, bina? / Sejrin nidħru ta' kull xahar / Biex nitħaddtu ta' ħbieb twajba / Fuq xi ħaġa għall-aħjar!* (3) *Se nitolbu pjaċir minnkom / Illi żgur ma ninsew qatt; / Għat-tfal Suwed fuq isimna / Agħtu darba xi RISKATT.*




Profil tat-tlett itfal - Ġanni, Ġiġi u Ġużi kif dehru fil-paġna tat-tfal (MM Awwissu 1954, p.127).



Waħda mill-ħafna tukul li nsibu fl-Abbissinja, illum l-Etjopja.

Fl-istess paġna, il-Missjunarju x-Xiħ jissokta jdawwar lit-tfal mad-dinja billi jlaqqagħhom mal-ħajja fl-irħula tal-Abbissinja: (1) F'dan il-pajjiż [illum l-Etjopja] hemm biss irħula mdaqqsin fuq l-għoljiet fejn wieħed isib l-ilma. (2) **Id-Djar**: Hekk imsejħa *tukul* jibnuhom billi jwaħħlu arbli, jiksuhom bit-tiben, b'xewk niexef, u jiġu tondi jew kwadri. Il-kmajra sservi għal kollox. F'tarf ir-raħal jibnulek knejsa għad-dell tas-siġar. Ir-raħal kollu hu familja waħda, xejn mhu pubbliku jew privat. Kulħadd jaf kollox fuq kulħadd. (3) **Il-Kap tar-Raħal**: Kull raħal huwa għalih u għandu l-kap tiegħu li jagħmel il-liġijiet u jqassam l-għelieqi. Jekk ikun il-każ, jagħmilha wkoll ta' mħallef biex iwaqqaf il-ġlied bejn raħal u ieħor. (4) **Ilqa' l-Għorba**[1]: It-tallaba jiġu milqugħin billi jingħatalhom ħobż u friex fuqiex jorqdu mal-lejl. Min jiġi mkeċċi għandu d-dritt ifittex il-ġustizzja. (5) **Ix-Xogħol Tagħhom**: Il-biċċa l-kbira huma bdiewa li ma jafux jaħdmu l-għelieqi bla tarf tagħhom. L-Abbissini ma jħabblux rashom mix-xogħol, imma meta ssemmilhom il-gwerra, isiru ġellieda ħarxa u qalbenin.

Marzu 1954, Sena XXII, nru 3, p.45: (1) *Darba Ġanni, Ġiġi, Ġużi, / Il-ħbieb tagħna tal-Missjoni / Kienu qiegħda ġewwa l-klassi / Jagħtu l-iktar attenzjoni!* (2) *Is-Sir tagħhom, ħelu, twajjeb, / Għal xi storja kont issibu, / U lit-tfal, imbagħad, jgħidilhom: / "Għall-Missjoni qis li ġġibu:* (3) *Kartolini, boċċi, żibeġ / U fuq kollox ħafna bolli." / Qabżu ħbiebna jgħid kull wieħed: / "Jien inġiblek kemm ikolli."* [Dwar bolol użati, DAX, bħala Direttur fl-Uffiċċju Missjunarju, kien involut direttament fil-ġbir tagħhom biex wara li jitnaddfu, jinbiegħu mill-ġdid lill-kollezzjonisti. Il-flus li jinġabru minnhom kien imur għall-pajjiżi fil-bżonn.]

Fl-istess paġna, l-awtur kiteb



Iż-żebu bi qrunu twil li bħalu nsibu ħafna fil-gżira ta' Madagaskar.

[1] Plural t'għarib, li tfisser frustier, stranġier, barrani, pellegrin, turist jew vjaġġatur.

fuq il-Gżira Madagaskar, fejn ilaqqagħna maż-żebu – speċi ta' barri ħotbi, smin u b'saħħtu, b'par qrun twal xi erba' piedi. Jgħin ħafna lis-Suwed tal-Madagaskar fl-industrija tal-priservijiet.



Pittura impresssjonanti li turi t-tislib tal-martri ta' Nagasaki li tinsab fil-kunvent Franġiskan ta' Sidtna Marija tas-Silġ fi Praga.

April 1954, Sena XXII, nru 4, p.61: (1) Ġ*anni,* Ġiġi, Ġużi *Kienu / Lejn l-iskola llum sejrin, / Daħlu jixtru m'għand tal-grocer / Xi ftit ħelu ferħanin.* (2) Ġanni nduna; Ġiġi raha / Ġużi b'xejn ma qala' għajnejh; / *Fuq il-bank raw kaxxa żgħira; / Kulħadd reġa' ħakk idejh.* (3) *Qalu: "Nagħmlu sagrifiċċju; / Trid ma nixtru ħelu xej"? / Nagħtu s-soldi għall-Missjoni, / Ejja mmorru, l-aħwa, ħej!"*

Fl-istess paġna, l-awtur jitkellem fuq il-Ġappun, l-art tax-xemx tielgħa, fejn skontu 'hija art mill-isbaħ, fiha nies minn tagħna ħafna, razza qalbiena u ta' moħħha tajjeb.' L-ewwel missjunarju li qatt rifes fuqha kien San Franġisk Saverju (1506-52) fl-1549. Għad li f'dan il-pajjiż saru ħafna konverżjonijiet, ħafna missjunarji tilfu ħajjithom f'martirji ħorox minħabba l-persekuzzjoni.

Rigal kull xahar: Minn Settembru 1952 'il quddiem – għeluq l-20 anniversarju tar-rivista – bdew jittellgħu rigali bix-xorti għall-abbonati ta' MM biex iħajru aktar qarrejja ġodda. Ħafna drabi, dawn kienu jingħataw flimkien ma' xi ktejjeb ta' DAX, fosthom *Dwal*. Fir-rivista t'April 1953, p.60 insibu riklam fuqu fejn jgħid li l-awtur huwa mill-ġdid dak tar-Rumanz *Il-Wieħed u Ħamsin* u tal-*Buzzetti*. Iżda aħjar minn hekk, fid-Djarju tan-Naxxar (Sena VIII, Ġunju 1953, nru 29, p.55) insibu t-tagħrif li ġej: 'Dan huwa l-isem ta' ktejjeb li ġie f'idejna t'Antoloġija Missjunarja ta' DAX. Huwa interessanti ħafna fis-suġġett tiegħu, li jgħodd għal kulħadd, u wisq iżjed għaċ-ċkejknin tagħna li telgħin iħobbu ħafna l-missjonijiet. It-tiżwiq ta' dan il-ktieb jiġbdek u jħajrek biex taqra iżjed, għax jimliek bil-kurżità ta' ġrajjiet, ta' poeżiji u rakkonti, kif ukoll ta' tagħlim, li minnhom huwa kompost. Fih 96 paġna, u mhux ta' min jitilfu għal XELIN biss; wieħed jista' jagħtih anki rigal lil xi tfal, speċjalment min għandu ħsieb tagħhom. Imżewwaq kif inhu b'varjetà ta' kitba u stampi, il-ktejjeb huwa magħmul biex jiftaħ l-imħuħ tat-tfal lejn xefaq edukattiv missjunarju li bħalu s'issa għadu qatt ma deher f'Malta u forsi anqas banda oħra. Il-mertu ta' DAX huwa tassew kbir, għax b'hekk fetaħ triq ġdida fil-qari Malti, u ta' dan huwa ma jixtieqx ħaġ'oħra ħlief li jara fl-iskejjel tagħna kollha din l-Antoloġija Missjunarja, jekk mhux mit-tfal kollha, għall-inqas mis-surmastrijiet li tant iħobbu 'l-istudenti żgħar tagħhom.' (Minn 'L-Immakulata' [Mejju 1953, p.82], l-organu tat-Terz'Ordni u tal-Missjonijiet Kapuċċini Maltin).

Mill-istess Djarju tan-Naxxar, pp.56 u 64, nisiltu aktar tagħrif: *Dwal* – Ktieb Ġdid għat-Tfal: Reċensjoni: Il-kelma antoloġija tfisser 'ġabra ta' ward'. U l-ktieb *Dwal* hu tassew mimli b'bosta kitbiet sbieħ daqs il-ward / Dak li jogħġob l-iktar lilkom it-tfal huma l-istejjer. Aktar ma jkunu sbieħ l-istejjer aktar


NOVITA' FL-ISTAMPA GHALL-MALTA. Chif *Malta Missjunarja* harget is-sena l-ohra ghadd specjali biex ticcomemora l-"Anno Santo", hecc f'gheluk l-estensjoni tieghu sejra taghmel lill-karrejja taghha sorprisa ta' sbuhija fl-arti ta' l-istampa. *Attenti ghan-numru ta' Mejju.*

Riklam tal-antoloġija missjunarja ġdida ta' DAX li deher f'wieħed mill-għaddijiet.

intom tieħdu pjaċir bihom. Fil-ktieb *Dwal* issibu ħafna stejjer sbieħ li jogħġbukom tassew, bħalma huma, ngħidu aħna, *Konfuċju Mirbuħ minn Tfajjel* u *Pierino*. / Iżda taħsbux li fil-ktieb *Dwal* ma ssibux ħlief stejjer. Hemm ukoll reċti sbieħ, tagħrif interessanti li qatt ma smajtu bih, u poeżiji qsar li titgħallmuhom bl-amment wara li taqrahom darbtejn. Kull biċċa kitba li hemm fih tagħti gost lil min jaqraha. / Jidher biċ-ċar li DAX ħa ħafna paċenzja biex jagħżel il-kitbiet li intom it-tfal tħobbu l-aktar. Il-kitba kollha hi ħafifa u ma ssibux diffikultà biex taqrawha u tifhmuha kollha. Kull tifel u tifla li jaqraw din l-Antoloġija Missjunarja, jitgħallmu bosta affarijiet fuq il-missjoni u ma' kemm-il xkiel irid jiltaqa' l-missjunarju fit-twettiq tal-ħidma bżonnjuża tiegħu. / Tkun tassew ħasra jekk kull tifel u tifla ma jiksbux kopja ta' dan il-ktieb u jaqrawha b'attenzjoni kbira. Ħafna tfal diġà xtraw kopja, imma għad baqa' għadd kbir ta' tfal oħrajn li għadhom ma xtrawhiex. / Jekk DAX jara li t-tfal Maltin huma henjin bil-ġabra ta' kitbiet li għamel, jiena naħseb li fiż-żmien li ġej jerġa' joħroġ xi ktieb ieħor bħal dan. B'hekk ikun qed jgħallem lilkom u jagħtikom bosta tagħrif sabiħ. Iżda l-ewwel tridu tgħinu lilu billi tixtru kopja ta' dan il-ktieb tiegħu. Aktar ma jinbiegħ malajr aktar joħroġ ma jdumx it-tieni ktieb. – Ħabibkom (Meħud minn 'Il-Berqa', 24 ta' Lulju 1953, p.7). ■

# AVVIŻ IMPORTANTI

**Il-Bank Ċentrali ta' Malta ħareġ id-Direttiva Nru 19 u fost l-oħrajn awża li, mill-1 ta' Jannar 2022, il-banek lokali kollha mhux ser isarrfu aktar ċekkijiet li jammontaw għal €20 jew anqas.**

**Għalhekk niġbdulkom l-attenzjoni u nitolbukom sabiex l-abbonament tar-riwista Malta Missjunarja, isir billi tagħżel waħda minn dawn l-għażliet:**

1. **'Cash' - billi tmur personalment f'wieħed mill-uffiċini tagħna fil-Belt jew il-Mosta,**
2. **Permezz ta' 'bank transfer'** *(ara dettalji f'paġna 18),*
3. **Tabbona għal sentejn b'ċekk ta' €21 pagabbli lil Missio Malta** *(ara dettalji f'paġna 35 u formola fil-paġna ta' wara).*

***Missio jirriserva d-dritt li, f'ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom, jieħu deċiżjonijiet għall-benefiċċju tal-qarrejja u tal-missjonijiet li nsostnu.***

**Għal aktar tagħrif ikkuntattjana fuq 2123 6962.**

***Grazzi mill-qalb - Missio Malta***